MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Numru 479/2000

**PULIZIJA**
**SPETTUR HELGA DEBONO**

**VS**

**JESMOND BUGEJA**

**Illum 19 ta' Mejju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jesmond Bugeja ta’ 36 sena, iben Alfred u l-mejta Doris nee’ Ellul, imwieled il-Pieta’, fil-15 ta’ Settembru 1966 u joqghod “Scorpio”, No. 15,

Room 12, Dahlet id-Dejr, Rabat, Malta, numru tal-karta ta’ l-identita’ 393766 (M);

Talli f’dawn il-Gzejjer, fit-13 ta’ Awissu, 1999 u t-tnax il-xahar ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma’ kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma’ kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, fl-Lulju, 1999 u x-xahar ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ Lm1140 u dan billi ghamel uzu minn Gold Card, tal-Bank of Valletta, f’isem John Camilleri, liema serq sar ghad-detriment tal-imsemmi John Camilleri, liema serq hu aggravat bl-ammont, bil-hin u bil-mezz;

Ukoll talli sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), datati 19 ta’ Jannar 1996, Awla 3, u 14 ta’ Ottubru 1997, Awla 7, u mill-Qorti tal-Appell id-datati 13 ta’ Lulju 1995 u 28 ta’ Lulju 1997.

Wara illi rat l-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280, 281, 289, 334, 49, 50, 31, 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali:

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat ghal piena ta’ sentejn (2) prigunerija, izda tordna illi din is-sentenza ma tibdix issehh, hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin mil-lum, l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, a tenur ta’ l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fir-rigward ta’ l-akkuza ta’ recediva, din il-Qorti, qeghda tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, u tahtar lill-Probation Officer M’Grace Vella, illi kull sitt (6) xhur hija tirraporta verbalment dwar l-andament ta’ l-imputat, u dan ghall-perjodu ta’ l-istess sentenza sospiza u cioe’ tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------